MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 326/2005

**Kenneth Farrugia (I.D. 560077M)
Vs
Ann Romanov**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-27 ta' Jannar, 2005 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' Lm 490.78 (erbgħa mija disgħin lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu) rappreżentanti danni kkawżati konsegwenza ta' inċident tat-traffiku li seħħ fid-29 ta' Ġunju, 2004 f'San Ġiljan.

Fl-Avviż tat-talba intqal :-

Kundanna lill-konvenuta li tħallas in linea ta' danni lill-attur, lm 490.78 ub segwitu għal inċident stradali li seħħ San Ġiljan fid-29 ta' Ġunju, 2004 bejn Rover numru TFC 790 misjuqa mill-konvenuta u Peugeot numru ATY 032 misjuqa mill-attur – liema nċident ġara tort tal-konvenuta.

Bl-ispejjeż kompriżi Lm11.80 ta' ittra u konsult, dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Jannar, 2005 u dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' llum ai fini tal-Kap. 104 u bl-imgħax minn notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Jannar, 2005 kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn ingħad :-

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, billi l-inċident tat-traffiku in kwistjoni ma ġarax tort ta' l-esponenti, iżda ġara unikament tort tas-sewwieq tal-vettura Nru. ATY 032 u dana kif sejjer jiġi ppruvat waqt il-kawża.

Illi bla preġudizzju għas-suespost, id-danni pretiżi mill-attur huma esaġerati.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi f'dan il-każ il-konvenuta naqset illi tagħti x-xhieda tagħha, pero` fl-istess ħin ġie prodott xhud li kien testimone okulari għall-istess inċident.

Dana jallega li l-attur daħal ġol-konvenuta fil-waqt li kien qed jagħmel manuvra ta' sorpass u tant għamilha kif mhux suppost li mar fuq linji sofor li jindika l-ispazji fejn isir il-propju parkeġġ tat-taxis.

Da parti tiegħu l-attur jallega illi veru li għamel il-manuvra ta' sorpass waqt li hija kienet wieqfa, pero` hu jallega li kienet qed tuża l-mobile u waqt li kien qed jaqbiżha hija saqet 'il quddiem u laqtitu.  Din l-eżistenza ta' mobile o meno hija kontradetta mill-istess xhud prodott mill-konvenuta fejn dana kien skjett u qal li l-konvenuta qatt ma kellha mobile magħha.

Li huwa żgur hu li sia x-xhud tal-konvenuta u sia l-konvenuta ħarġu bir-reverse mill-parking space u gew

biex jimxu ‘l quddiem, ix-xhud mexa u kif il-konvenuta ġiet biex timxi minn warajh, ġie l-attur minn wara u pprova jaqbiżha u kien f’dak il-mument li saret il-ħabta.

Jirriżulta lit-Tribunal illi l-manuvra magħmulha mill-attur ma kenitx waħda prudenti u li saret perizja. Jiġi rilevat illi l-akwati fejn kien, kien f’parking place, il-karozzi jidħlu u joħorġu, ma kienx jagħti lok illi isiru manuvri ta’ sorpass flok wieħed jistenna ftit u jagħti fakolta lil ħaddiehor biex jimxi. Huwa każ fejn ix-xufier tat-taxi ma kellux paċenzja biżżejjed biex jistenna u allura ħa r-riskju li jagħmel is-sorpass.

Dejjem ġie ritenut mill-qrati tagħna u minn dan it-Tribunal illi manuvra ta’ sorpass hija manuvra eċċezzjonali u trid issir b’ċerta attenzjoni u prudenza, ħaġa li l-attur m’għamilx.

Fil-konfront tal-konvenuta, t-Tribunal ma jistabilixxi l-ebda responsabbiblta` u / jew kontribuzzjoni għas-sinistru.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad it-talba attriċi, jilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenuta u tenut kont taċ-ċirkostanzi specjali tal-każ l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------